

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

21.4.2008

0033/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Marie-Hélène Descamps, Ramona  
Nicole Mănescu, Christa Prets u Bart Staes

dwar id-dedikazzjoni ta' aktar attenzjoni lir-responsabilizzazzjoni taż-żgħażaġh  
fil-politiki ta' l-UE

Data ta' skadenza: 24.7.2008

0033/2008

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar id-dedikazzjoni ta' aktar attenzjoni lir-responsabilizzazzjoni taż-żgħażaġh fil-politiki ta' l-UE**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

- A. billi, fil-White Paper tagħha 'Impetu ġdid għaż-żgħażaġh Ewropej' (COM(2001)681 (riżoluzzjoni tal-PE A5-0126/2002), il-Kummissjoni adottat l-oġettiv li tiddedika aktar attenzjoni liż-żgħażaġh f'oqsma oħra ta' politika, speċjalment l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, l-impjiegi, l-integrazzjoni soċjali, is-saħħa, l-awtonomija taż-żgħażaġh, il-mobilità, id-drittijiet fundamentali u n-non-diskriminazzjoni,
- B. billi l-Kunsill Ewropew tat-22 - 23 ta' Marzu 2005 adotta "Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ" (7619/05) bħala wieħed mill-istrumenti li jikkontribwixxi għall-oġettivi ta' Liżbona u ġedded l-impenn tiegħu f'Marzu 2008, fejn insista li hemm il-ħtieġa li jsir investiment fiż-żgħażaġh issa u fil-ġejjieni,
- C. billi l-Kummissjoni Ewropea rriflettiet il-ħtieġa li l-kwistjonijiet taż-żgħażaġh jiġu integrati orizzontalment fil-Komunikazzjoni tagħha fuq iż-Żgħażaġħ COM(2007)/498 finali fil-5 ta' Settembru 2007,
- D. billi l-Parlament Ewropew adotta r-rapporti A6-0209/2007, A6-0024/2008 fejn enfasisza l-ħtieġa li ż-żgħażaġh jiġu meqjusa aktar u b'mod aħjar,
  1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra u tinkorpora l-impatt fuq iż-żgħażaġh u r-riżultati tad-djalogu strutturat li jsir ma' l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh meta jkunu qed iħejju l-proposti leġiżlattivi, b'mod partikulari fl-oqsma ta' politiki msemmija fil-Premessa A;
  2. Jistieden lill-Istati Membri biex jiffokaw fuq iż-żgħażaġh meta jkunu qed jimplementaw il-Programmi ta' Liżbona ta' Riformi Nazzjonali u biex iqisu liż-żgħażaġh fl-oqsma ta' politiki rilevanti;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ.